**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 207 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Anthony Joseph Xuereb**

Illum, 2 ta' Gunju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Anthony Joseph Xuereb, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 25100 H, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Marzu 2021 u t-23 ta' Marzu 2021, minn gewwa l-hanut Venerdi, 32, Triq Hal Tarxien, Tarxien:-

1. Ikkommetta serq ta' hwejjeg u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, u valur, liema ammont jeccedi elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Clint Pulis u/jew persuni ohra;
2. U talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli,

liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (2,500), izda hija izjed minn mitejn u hamsin euro (250) u dan ghad-detriment ta' Clint Pulis u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recidivi ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti finalment giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Jannar, 2022, fejn il-Qorti sabet lill-imputat Anthony Joseph Xuereb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 A tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghditu taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin.

L-imputat ghandu wkoll ihallas is-somma mertu tal-kawza odjerna.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnhu pprezentat fl-31 ta' Jannar, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1) TIKKONFERMAHA f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat hatji ta' kull imputazzjoni dedotta kontrih;

2) TIKKONFERMAHA f'dik il-parti fejn l-imputat tqieghed taht ordni ta' probation ghal zmien tliet snin u sabiex ihallas l-ispejjez relatati mal-kawza;

3) TIRRIFORMAHA billi l-ordni ta' probation ghal zmien tliet snin tkun imsejsa fuq l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht l-artikolu 7A tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

**L-AGGRAVJU**

ILLI l-esponent, filwaqt li jaqbel mas-sejbien ta' htija u mal-piena li nghatat fil-konfront tal-imputat, hassu aggravat bil-mod ta' kif l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-applikazzjoni tal-artikolu tal-ligi, stante illi l-ordni ta' probation kellu jkun skont id-dettami tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux skont l-artikolu 7A tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ghaliex l-artikolu 7A tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ma jezistix.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-5 ta' April 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi dan hu appell tal-Avukat Generali fejn isostni li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija nulla u dan ghaliex gie ccitat artikolu tal-ligi zbaljat u cioe l-artikolu 7A tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta dan kellu jinqara l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex l-artikolu 7A ma jezistix f'dak il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-indikazzjoni zbaljata ta' l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja gie dejjem ekwiparat fil-gurisprudenza ta' din il-

Qorti man-nuqqas ta' tali indikazzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali (ara **Il-Pulizija v. Mary Grech** [1]). Tali nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali, bil-konsegwenza li din il-Qorti ghandha thassar is-sentenza ta' l-ewwel qorti u tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-meritu skond l-imsemmi subartikolu.

Meta jigri hekk, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 428 (ara **Il-Pulizija v. Frank Zarb, Joseph Grech u Mario Bugeja** [2]).

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ukol ghall-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Mario Said** deciza fil-11 ta' Ottubru, 2010 fejn ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs George Camilleri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Gunju, 1995 "*l-indikazzjoni zbaljata tal-artikolu tal-Ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja, gie dejjem ekwiparat fil-gurisprudenza man-nuqqas ta' tali indikazzjoni ghall-finijiet tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan hu nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jgib bhala konsegwenza n-nullita' tas-sentenza appellata w is-smiegh mill-gdid fil-meritu tal-Qorti tal-Appell Kriminali fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-imsemmi kodici.'*

Ghalhekk din il-Qorti tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellant u qed thassar u tannulla s-sentenza appellata, u ser tghaddi biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid fuq il-meritu.

Rat l-ammissjoni registrata mill-appellant nhar is-17 ta' Jannar 2022[3] u li l-ewwel Qorti ' *wissietu bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u kkonferma li l-Qorti tatu zmien*

---

[1] App. Krim. 7 ta' Lulju 1995
[2] App. Krim. 28 ta' Lulju ,1995
[3] Fol. 77 tal-process

*bizzejjed sabiex jikkontempla id-dikjarazzjoni tieghu u li fehem l-imputazzjonijeit kollha u l-pieni li jgibu tal imputazzjonijiet'.*

Illi din il-Qorti rat il-provi migbura f'dan il-kaz minkejja li l-appellant irregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita moghtija lilu u ghalhekk qabel ma din il-Qorti tghaddi biex taghti l-piena idoneja ghandha tara l-provi imressqa l'quddiem mill-prosekuzzjoni u dan sabiex tkun tista taghti l-piena l-iktar idoneja fic-cirkostanzi tal-kaz. Jirrizulta li l-appellant irregistra ammissjoni ghar-reat ta' serq aggravat bil-valur u ghar-reat ta' hsara volontarja f'ammont li jeccedi l-€250 izda mhux iktar minn €2,500.

Rat il-fedina penali tieghu esebita fl-atti a fol. 18 et seq u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-appellant kien gja instab hati ta' numru ta' reati fosthom ukoll ir-reat ta' serq fejn inghata probations, prigunerija u multi.

Rat ukoll il-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-appellant ikkopera mal-pulizija investigattiva tant li ammetta li kien hu li seraq il-hwejjeg mill-fond Venerdi Rahal Gdid u spjega ukoll x'sar mill-hwejjeg li seraq u cioe li kien biegh parti minnhom sabiex jghix bir-rikavat. Jghid ukoll li kien lest li ihallas lura d-danni sofferti mis-sidien tal-hanut Venerdi.

Rat li l-ewwel Qorti kienet innominat probation officer fuq talba tad-difiza u dan fl-ewwel seduta tas-smiegh tal-kawza nhar il-5 ta' April 2021 u dan sabiex thejji pre-sentencing report. Illi Sarah Bezzina Probation Officer ipprezentat ir-rapport taghha li gie markat bhala dok SB1. Qalet li hija hadet ukoll xi kampjuni tal-awrina tal-akkuzat u dawn taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Spjegat li qatt ma hadem u xoghol m'ghandux. Tghid li motivazzjonni m'ghandux u li anke ghall-appuntamenti maghhom ma jmurx ghax jibqa rieqed, ghall-appuntament iehor mar nofs siegha tard u mhux dejjem ikun konsistenti. Tghid li ghandu bzonn jara psikjatra kif ukoll li tigi indirizzata il-problema ta' droga.

Tghid li ghandu bzonn gwida f'hajtu beix jigu ndirizzati dawn it-tlett problemi li spjegat iktar 'l fuq fix-xhieda taghha. Tikkonkludi billi tghid li ikun ahjar jekk l-appellant jigi segwit minn ufficcjal tal-probation.

Illi nhar l-1 ta' Novembru, 2021 l-ufficcjal tal-**probation Sarah Bezzina** regghet xehdet fejn ikkonfermat li matul dan iz-zmien li kienet qed issegwi lill-appellant dan ta diversi kampjuni ta' awrina u kollha taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Qalet li kien qed jahdem ghalkemm ix-xoghol tieghu ma kienx regolarizzat. Kien qed jahdem ix-shift ta' bil-lejl. Qalet li kemm ilha issegwih rat kambjament fih. Tghid li hemm certu maturita fih li ma ratx qabel u tghid ukoll li l-appellant qed jiehu responabbilita tal-affarijiet tieghu. Ikkonfermat ukoll li t-testijiet tal-awrina baqghu jigu negattivi ghall-presenza ta' droga.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-qorti hija tal-fehma li ghandha taghti ordni ta' probation taht is-supervizjoni ta' probation officer bil-ghan li zzomm lill-appellant 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita u tkompli tahdem fuq ix-xoghol gja mibdi tal-probation officer.

Konsegwentement, din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 49, 50, 261 (b) (c) (f) , 267, 270, 279 (b), 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tal-akkuzi kif ammessi minnu u addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin millum u tordna li qeghda tinnomina probation officer sabiex issegwi l-appellant fid-dawl tal-kundizzjonijiet imposti fid-digriet u cioe l-Ordni tal-Probation anness ma din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi mghoddija ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole bil-ghan li jigi nominat l-istess ufficcjal li gja beda jitratta ma l-appellant.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza u Ordni tal-Probation jinghata lill-appellant bil-ghan li jkun jaf il-kundizzjonijiet imposti fl-ordni.

(ft) Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur